# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1040/2021 (AJD)**

## HSBC BANK MALTA p.l.c.(C 3177)

**vs**

## STEPHEN FORMOSA (KI 510585M)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara rikors ġuramentat tas-soċjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. datat tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021, is-soċjeta HSBC Bank Malta p.l.c. ippremettiet:

a. Illi l-Bank attur ta faċilita' ta' self lill-konvenut Formosa bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-ħmistax (15) ta' Diċembru 2015 fis-somma komplessiva ta' wieħed u disgħin elf u tmien mitt Ewro (€91,800);

b. Illi l-konvenut ma baqax jagħmel dawk il-pagamenti mensili dovuti minnu skont is-Sanction Letter tas-26 t'Ottubru 2015, u għalhekk huwa tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi fid-19 t'Ottubru 2021 huwa kien debitur tal-attur fis-somma ta' tlieta u disgħin elf, mija sitta u sittin Ewro (€93,196) li minnhom is-somma ta' erbgħa u tmenin elf, tmien mija sitta u tmenin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€84,866.93) tirrappreżenta kapital, filwaqt li s-somma ta' tmint elef, tliet mija u disa' Ewro u seba' ċenteżmi (€8,309.07) tirrappreżenta l-imgħaxijiet dovuti fuq is-self preċitat bil-kont numru 14236505;

c. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat biex iħallas id-debitu dovut permezz ta' ittra uffiċjali datata tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2020, huwa baqa' inadempjenti;

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' tlieta u disgħin elf, mija u sitta u disgħin Ewro (€93,196) dovuta kif fuq spjegat;

ii. Tikkundanna u tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u disgħin elf, mija sitta u disgħin Ewro (€93,196), u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-għoxrin (20) t'Ottubru 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata t-tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2020 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment fl-istess ismijiet;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-erbgħa (4) ta' Novembru 2021, il-Qorti rrilevat li l-inkartament relattiv intbagħat lilha mir-Reġistru fit-tnejn (2) ta' Novembru 2021, u appuntat il-kawża għas-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021;

5. Waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021, il-konvenut ippreżenta u ħalef nota ffirmata t'ammissjoni quddiem il-Qorti, li permezz tagħha huwa ammetta għat-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi;

**Fatti tal-Każ**

6. Il-kawża odjerna tirrigwarda faċilita' ta' self mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut bis-saħħa ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-ħmistax (15) ta' Diċembru 2015;

7. Jirriżulta mid-dokumenti in atti illi l-konvenut ma baqax jagħmel il-pagamenti mensili dovuti minnu skont is-*Sanction Letter* tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2015, bil-konsegwenza illi tilef il-benefiċċju taż-żmien;

8. Għaldaqstant, il-konvenut rrenda lilu nnifsu debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' tlieta u disgħin elf, mija u sitta u disgħin Ewro (€93,196), li minnhom l-ammont ta' erbgħa u tmenin elf, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€84,886.93) jirrappreżenta kapital, filwaqt illi l-ammont ta' tmint elef, tliet mija u disa' Ewro u seba' ċenteżmi (€8,309.07) jirrappreżenta imgħaxijiet dovuti fuq is-self sal-għoxrin (20) t'Ottubru 2021;

9. Is-soċjeta' attriċi interpellat lill-konvenut sabiex jersaq għall-ħlas tal-ammont dovut permezz t'ittra uffiċjali datata tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2020 (vide **Dok D** annessa mar-rikors maħluf tas-soċjeta' attriċi), iżda l-ammont baqa' ma tħallasx mill-konvenut;

10. Minbarra s-somma suċitata, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob ukoll l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-għoxrin (20)

t'Ottubru 2021 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali datata tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2020, u l-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment fl-istess ismijiet;

**Il-Qorti**

11. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi u d-dokumenti annessi miegħu;

12. Reġgħet rat id-digriet tal-4 ta' Novembru 2021;

13. Reġgħet rat in-nota t'ammissjoni tal-konvenut datata disgħa (9) ta' Diċembru 2021;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi n-nota t'ammissjoni għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata mill-konvenut waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 180(2)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu ġiet preżentata u hija ffirmata mill-konvenut stess;

16. Fit-tieni lok, referenza ssir għall-artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi illi:

> *Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*

17. Hekk kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana, *"l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq"* (ara ***Carmelo Bonnici noe vs Ronald Farrugia et***, Appell Ċivili, 26 t'Ottubru 1970)[1];

18. Ġie stabbilit ukoll illi *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur*, u cioe l-ammissjoni ta' persuna waqt li jkunu għaddejjin proċeduri fil-konfront tagħha, tikkundanna lill-persuna li tirreġistra l-istess, u b'hekk tiddetta tali persuna bl-ammissjoni tagħha s-sentenza tagħha stess (ara ***Carmelo Chetcuti vs Jeffrey Attard***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 29 t'Ottubru 2021)[2];

19. Tenut kont tan-nota t'ammissjoni tal-konvenut għat-talba tas-soċjeta' rikorrenti, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' kwalsiasi xorta għal dak mitlub mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħmel xi indaġini aktar profond fil-mertu tal-kawża odjerna, u konsegwentement tista' tgħaddi sabiex liberamet tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba attriċi, u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tlieta u disgħin elf, mija, sitta u disgħin Ewro (€93,196);

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba attriċi, u tikkundanna u tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi l-istess somma, u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-

[1] Ara wkoll ***Kimberley Joy Agius vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***, Appell Ċivili Nru 17/2010, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 6 t'Ottubru 2010; ***Sephora Mifsud vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***, Appell Ċivili Nru 6/2012, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Edwina Grima, 25 ta' Frar 2015; ***Carmelo Chetcuti vs Jeffrey Attard***, Rikors Maħluf Nru 534/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 29 t'Ottubru 2021 (in ġudikat); ***BNF Bank plc vs Christopher u Ritienne konjuġi Borg et***, Rik Maħluf Nru 818/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Neville Camilleri, 23 ta' Novembru 2021 (in ġudikat)

[2] Ara wkoll ***HSBC Bank Malta plc vs Justin Micallef Grimaud***, Rik Maħluf 688/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 22 t'Ottubru 2021 (in ġudikat)

rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-għoxrin (20) t’Ottubru 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta’ din il-kawża, tal-ittra uffiċjali datata tmienja u għoxrin (28) t’Ottubru 2020, u tal-mandat ta’ sekwestru intavolat mis-soċjeta’ rikorrenti fil-konfront tal-konvenut, a karigu tal-konvenut, kif mitlub fir-rikors ġuramentat tas-soċjeta’ rikorrenti.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**